# WIRT ĦAL BALZAN

Kitba: Anthony Fenech

F'kull belt jew raħal ta' Malta jinsabu kliem jew espressjonijiet, li jkunu midħla tagħhom in-nies ta' dak il-post biss. Hekk f'Ħal Balzan, jew kif kienu jsibuh fil-bidu ta' dan is-seklu "Casal Balzan" jew kif isibuh oħrajn bħala Villa Balzan, jeżistu kliem li jaħasra ħafna qed jintesew, li huma midħla tagħhom il-Balzanin biss. Huwa l-ħsieb tiegħi illi niġbor dan il-ftit kliem ħalli ta' warajna jibqgħu jgħożżuhom bħala Wirt Ħal Balzan, raħal imdawwar minn kullimkien bil-ġonna u l-ward: Hortibus Undique Septa".

Il-professur Ġużè Aquilina, fil-ktieb tant interessanti tiegħu "Papers in Maltese Linguistics", x'ħin jagħti studju ta' x'inħawi ta' Malta u Għawdex isemmi xi raba' li jdawwar jew jagħmel parti minn Ħal Balzan stess. Hekk insibu l-Berwieq (fjuri), il-Qasbija, l-Iklin, l-Imrieħel. Nafu wkoll b'raba' ieħor – tad-Dingejru, biz-Zekkuk, b'ta' Idmejda, b'tal-Bajjada, b'tal-Gozzu jew Gizzu. Xi ftit minn dawn għadhom jissemmew, izda bħalissa jinstabu mibnija kwazi kollha.

Old Railway Track, konna nafuha qabel ma nbiet, bħala l-Linja jew l-Istazzjon minħabba li l-ferrovija kienet tgħaddi minn hemm fi triqitha lejn l-Imtarfa u l-Belt. It-triq taċ-ċimiterju kulħadd il-Wied kien jafha. Triq San Valentinu, Triq Sisner u Triq Idmejda kienu sa ftit żmien ilu toroq ġodda. Il-Villa tal-Konti u l-Ħara Tagħha kien magħrufa bħala r-raba' tas-Sur Bruno. U hawn ta' min isemmi frażi li żgur li kienet tintuża mill-Balzanin biss. Das-Sur Bruno kien irabbi xadina fir-razzet tiegħu li jgħidu li kienet ta' kruha liema bħala. It-tfal li kienu jgħaddu minn mogħdija ta' Sqaq Idmejda kienu jieqfu ħdejn ix-xatba ħalli dlonk jagħtuha titwila lil din l-imbierka, jew aħjar misħuta ta' xadina. Tant indrat ix-xadina ta' Bruno li jekk Balzani ta' dak iż-żmien ried jgħajjar lil xi ħadd ikrah kienu jgħidulu "X-Xadina ta' Bruno".

L-istage fejn wieħed kien jista' jirkeb il-karrozzi għan-Naxxar, il-Mosta jew San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa, nafuh bħala "ħdejn il-magna ta' l-għaġin". saħansitra għandna "ħdejn il-magna ta' l-għaġin ta' fuq" u "ħdejn il-magna ta' l-għaġin t'isfel". Dawn jissejħu hekk għax kienu jinsabu żewġ magni ta' l-għaġin. Dan il-post ta' qabilna x'aktarx kienu jgħidulu ħdejn il-mitħna. Infatti għad hemm triq li tgħaqqad triq in-Naxxar ma triq il-Wied li tissejjaħ triq il-Mitħna.

Ħdejn il-bini tas-Sur Fons, fejn tibda u tispiċċa triq id-Dritta illum imsejħa Main Street, u dari Strada Reale, nafu b'żewġ postijiet, fejn tibda t-triq post jismu Birbal li tfisser B'Kara – Balzan, u fejn tispiċċa t-triq post jismu Balbier li tfisser Balzan – B'Kara. Meta l-karrozzi li jitilqu minn ħdejn il-Corinthia jiġifieri n-numru 74, li dak iż-żmien kienu ħomor hu magħrufa bħala ta' Ħal Balzan, kienu jitilqu minn ħdejn is-siġar, u kulħadd kien jafha bħala l-karrozza ta' ħdejn Birbal.

F'Ħal Balzan jinsabu żewġ Imsieraħ, il-Misraħ ta' Fuq – ħdejn il-Ħanut tal-Qadi, u l-Misraħ t'isfel fejn dari kien teħodlu nofsu l-parapett tas-Sinjorini ta' Sant. Xejn ma kellha bokka bih dan il-parapett li jagħti għall-misraħ is-sinjorina Marta! Triq id-dritta kienet tgħaqqad iż-żewġ imsieraħ u qabel ma nfetħet triq il-Ġdida nies ġirien tagħha kienu jiġbdulna saqajna billi jgħajruna "Ta' Musrana waħda" għax it-traffiku jrid jitla u jinżel minn banda waħda. Triq it-Tlett Knejjes, Triq il-Providenza, Sqaq iz-Zebbuġa u tar-Rummiena kienu jeżistu sa' mill-bidu ta' Ħal Balzan u għadhom talikwali. Il-Madonna tar-Rummiena. fil-kantuniera ma' Triq il-Providenza tqanqal qalb il-Balzanin hekk kif ikun riesaq qalb il-qalba tar-raħal.

Ħal Balzan naqsmuh in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel. Mill-Misraħ ta'ħdejn il-Knisja 'l fuq hija n-naħa ta' fuq u mill-misraħ 'l isfel hija n-naħa t'isfel. In-naħa ta' fuq fiha fuq Santa Marija, u wara Santa Marija bl-erba' sqaqin – Sqaq id-Dingejru, Sqaq iz-Zekkuk, Sqaq Fantin, u l-Isqaq ta' Ġorġ ta' Lucy.

Naħseb li kulħadd jaf bil-pompa ta' ħdejn il-Knisja, kif konna nafuha dari. Il-pompa tinsab magħluqa iżda meta kellha l-manku twil, u kien qisu denb, kien fiha dehra sabiħa. Jgħidu li taħtha tinsab ġiebja ta' qisien immens. Żewġ egħjun popolari oħra kienu waħda kif tispiċċa Triq Santa Marija, in-naħa t'isfel mal-kantuniera ta' Triq id-Dritta, u l-oħra fi Triq it-Tlett Knejjes, kantuniera ma Triq il-Providenza. "Fuq il-għajn" kienet frazi fuq xufftejn il-Balzanin, fiż-żmien li dawn kienu jintuzaw minn dawk li ma kellhomx vit id-dar.

San Anton dejjem kien post fejn il-Balzanin kienu u għadhom iqattgħu sigħat ta' mistrieħ qalb il-fwejjaħ tal-fjuri u l-ħemda tas-siġar. Xi positijiet nafuhom hekk aħna biss, ngħidu aħna ħdejn it-Torka jiġifieri l-vaska ftit il' fuq minn fejn hemm ix-xadini; taħt il-pavaljun jafuh dawk in-namrati li nhar ta' Ħadd fil-għodu jew kmieni wara nofs in-nhar min jaf kemm iqattgħu sigħat fuq il-bankijiet tal-ġebel li jinsabu hemm, ħdejn il-ġewża fejn ħafna tfal Balzanin qabel ma jmorru l-iskola kienu jmorru jimlew buthom bil-ġewż minn din is-siġra daqs ġolf. Iċ-ċinji li hemm fil vaska tan-nofs kulħadd jafhom bħala tal-papri, u l-wesgħa ta' fuq fejn kull sena jsiru l-plays ta' Shakespeare kulħadd jafha bħala taħt l-arloġġ.

Issa li qorob is-sajf jibda żmien il-fjammi jew kif forsi jafuhom fl-irħula oħra tjur jew ħamiem. Iżda bħal dan iż-żmien qishom bdew jinqatgħu. Forsi l-airials tat-TV li f'Ħal Balzan huma twal mhux ħazin, ibeżżgħu mhux ftit it-tajr u x'aktarx ma jħajrux lit-tfal sabiex jagħmluhom. Dari xorta oħra! Nofs it-tfal ta' Ħal Balzan kienu itajru it-tajra jew kif kienu jgħidulha l-fjamma. Irġiel delettanti kienu jagħmlu xi skorfina jew xi fanal li saħansitra kienu jixegħlu bil-batterija. Dak kien żmien li ma jarġax jiġi.

Dan hu wirt li Ħal Balzan raħal twelidna, ħallielna. Għandna għax inkunu kburin li wiritna dan kollu, u għandna nagħmlu sforz sabiex dawn it-tradizzjonijiet ma nħalluhomx imutu mal-medda tas-snin, imma ngħadduhom lil ta' warajna u ngħidulhom li "Balzanija" kienet l-ewwel kelma f'fommhom u bħala Balzanin daħkana, lagħbna fl-ewwel jiem ta' ħajjitna, fir-raħal li ma jfissirx ħlief balzmu, raħal f'nofs Malta mdawwar minn kullimkien bil-ġonna u l l-ward.